MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Numru. 599/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Rita Camilleri**

**(ID 193070(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Elaine Rapinett, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 115684(M);

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Dicembru 2009 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data:

1. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Bieghet jew xort'ohra traffikat ir-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Bieghet jew xort'ohra traffikat fil-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Kellha fil-pussess taghha d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni l-istess droga u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-

regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Kellha fil-pussess taghha l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Kellha fil-pussess taghha r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Ittentat taghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew hajjret jew geghlet persuna ohra taghmel dak ir-reat bi ksur tal-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputata wiegbet illi m'hijiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha;

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-2 ta' Dicembru 2009, ghall-habta tas-7.00 a.m., Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga ghamlu tfittxija fuq il-persuna ta' Jacqueline Dipasquale, li dak iz-zmien kienet tahdem bhala *nurse* gewwa l-*MI Room* tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u fuq il-persuna taghha, instabu ammonti zghar ta' diversi tipi ta' sustanzi suspettati droga ossia eroina u *cannabis* u pilloli kkontrollati.[1] Waqt l-investigazzjoni taghha, Dipasquale ikkoperat mal-pulizija u ammettiet illi d-droga kienet intiza ghal xi detenuti gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Hija rrilaxxjat stqarrija, li giet sussegwentement ikkonfermatha minnha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn anke zvelat min kienu l-persuni li kienu jipprokurawlha d-droga, fosthom l-imputata odjerna u d-detenuti li ghalihom kienet intiza din l-istess droga.[2]

Mir-relazzjoni esebita mix-Xjenzat Godwin Sammut[3], jirrizulta illi fid-dokumenti li gew mghoddija lilu ghall-analizi ossia s-sustanzi misjuba fil-pussess ta' Dipasquale fil-jum in kwistjoni, instabu *inter alia* s-segwenti: fit-trab ta' lewn kannella instabet is-sustanza eroina, fil-piz ta' 8.20 grammi, b'purita` ta' cirka 28%, fis-sustanza ta' lewn kannella instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, bil-piz ta' 2.17 grammi u b'purita` ta' cirka 6% u fil-haxix ta' lewn hadrani instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, bil-piz ta' 1.05 grammi u b'purita` ta' cirka 5%.

---

[1] Ara xhieda tal-Ispettur Pierre Grech (a fol. 29 *et seq* tal-process); xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma (a fol. 36 *et seq* tal-process); xhieda ta' WPS 120 Caroline Marmara Jiacono (a fol. 102 *et seq* tal-process); xhieda ta' PS 1174 Adrian Sciberras (a fol. 71 *et seq* tal-process).

[2] Ara l-vera kopja tax-xhieda guramentata moghtija minn Jacqueline Dipasquale quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. Miriam Hayman, a fol. 56 *et seq* tal-process.

[3] A fol. 118 *et seq* tal-process.

A bazi tal-informazzjoni moghtija minn Jacqueline Dipasquale fir-rigward tal-imputata, inhareg mandat ta' arrest fil-konfront taghha. Skond ix-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech, ghall-ewwel din ma nstabitx izda l-ghada, fit-3 ta' Dicembru 2009, l-istess imputata marret gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija minn jeddha, fejn giet infurmatha li kienet qeghda taht arrest u giet interrogata. Hija rrilaxxjat stqarrija fl-istess jum, wara li nghatat is-solita twissija vigenti fil-ligi dak iz-zmien, ossia li kellha d-dritt li ma twegibx ghad-domandi li kienu ser isirulha, izda dak li tghid jista' jingieb bhala prova.[4] Fil-fatt mill-istess stqarrija jirrizulta illi l-imputata ghazlet li ma twiegeb kwazi ghall-ebda domanda li saret lilha kif kellha kull dritt li taghmel minghajr konsegwenza ta' xejn, hlief jekk kinitx tahdem, jekk kellhiex kazijiet pendenti mal-pulizija, jekk qatt kinitx il-habs u jekk kinitx tabbuza mid-droga, ghal-liema domandi hija wiegbet fin-negattiv. Mix-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma[5], jirrizulta illi kienet saret tfittxija fir-residenza tal-imputata, mil-liema tfittxija jidher illi ma rrizulta xejn.

Kif jidher mill-verbal tas-seduta tat-18 ta' Gunju 2010, Jacqueline Dipasquale ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri, stante li kienu ghadhom pendenti l-proceduri fil-konfront taghha.[6]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Jirrizulta ghalhekk illi <u>l-unika prova</u> li giet imressqa mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz fil-konfront tal-imputata odjerna hija x-xhieda guramentata ta' Jacqueline Dipasquale, moghtija minnha ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif inghad izjed 'il fuq. Kif inghad ukoll, madankollu, Jacqueline Dipasquale baqghet ma xehditx f'dawn il-proceduri. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Mejju 2003, fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Pierre Gravina**</u>, intqal hekk:

[4] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 32 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 37 tal-process.
[6] A fol. 46 tal-process.

*"Issa, huwa principju generali li "…ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-Qorti u <u>viva voce</u>" (Artikolu 646(1), Kap. 9). Ghal din ir-regola, pero`, hemm certi eccezzjonijiet li jipprovdi ghalihom l-istess Artikolu 646 fis-subartikoli li jigu wara s-subartikolu (1). Hemm ukoll l-eccezzjoni tad-deposizzjoni mehuda in segwitu ghall-hrug ta' ittri rogatorjali bil-procedura traccjata fl-Artikolu 399 tal-Kodici Kriminali, procedura li giet ritenuta applikabbli anke ghal kawzi sommarji (ara Il-***Pulizija v. Angelo Grima*** *App. Krim. 18 ta' Ottubru, 1952), u li fil-prattika giet ukoll applikata mill-Qorti Kriminali f'xi kazijiet wara l-hrug tal-att ta' akkuza. U hemm l-eccezzjoni ta' meta xhud jinstema' f'daru minhabba mard jew xjuhija (Art. 647, Kap. 9). Jigi osservat li anke fil-kaz ta' xhieda permezz ta' rogatorji u ta' xhieda li jinstemghu f'darhom, l-imputat jew akkuzat ghandu dejjem il-jedd li jkun presenti waqt is-smigh tax-xhud jew li jahtar rappresentant tieghu ghal waqt tali smigh – Art. 647(3) u 399(2). L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, <u>pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661[7] ta' l-istess Kodici</u>. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dwarha. … bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza* ***Kostovski v. Netherlands*** *(20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu*

***does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of***

[7] L-Artikolu 661 tal-Kap. 9 jghid hekk: "Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra."

***the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.***[8]*"*

*Fil-kaz in dizamina Mentosa la gie prodott mill-prosekuzzjoni fil-qorti peress li kien telaq minn Malta definittivament, u anqas ittiehdet id-deposizzjoni tieghu permezz tal-procedura tar-rogatorji. L-ewwel qorti, ghalhekk, kellha tiskarta l-istqarrija guramentata tieghu u mhux, kif effettivament ghamlet, tistrieh in parti fuqha…"*.

F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll illi:

*"Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma teskludix l-ammissibilita` ta' stqarrijiet maghmula minn persuni li in segwitu qatt ma jingiebu bhala xhieda fil-process. Dak li dik il-Qorti tara biex tiddetermina jekk kienx hemm jew le smiegh xieraq hu jekk dawk l-istqarrijiet kienux l-unika prova kontra l-akkuzat, jew kinux altrimenti prova determinanti biex huwa jinstab hati."* [sottolinear ta' din il-Qorti]

Fl-istess sens hija wkoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' April 2010, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco**, fejn inghad illi:

*"S'intendi, dana l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 irid dejjem jinqara fid-dawl tad-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Kriminali (eccetwat l-Artikolu 661 tal-istess Kodici, li ghalih l-Artikolu 30A jaghmel deroga espressa). Issa, l-Artikolu 549(4) (u ma jistax ikun hemm dubju li l-intervent ta' Magistrat taht is-subartikoli (12) u (13) tal-Art. 24A tal-Kap. 101 hija forma ta' inkjesta dwar l-in genere b'modalitajiet kemm xejn differenti mehtiega ghall-finijiet tal-istess Kap. 101) u*

[8] (1990) 12 E.H.R.R.434, para. 41.

*646(2) tal-Kap. 9 huma cari fil-portata taghhom: id-deposizzjoni regolarment moghtija fl-inkjesta dwar l-in genere … tista' tingieb bhala prova, u mhux sempliciment ghall-finijiet ta' kontroll, basta, pero`, li x-xhud jingieb ukoll fil-qorti biex jigi ezaminat viva voce … hlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinstab… (ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 646).*"

Isegwi ghalhekk illi la darba x-xhieda guramentata ta' Dipasquale hija fil-fatt l-unika prova li tressqet fil-konfront tal-imputata u la darba l-istess Dipasquale baqghet ma xehditx *viva voce* f'dawn il-proceduri, ghaliex ezercitat id-dritt taghha li ma tinkriminax ruhha fi stadju fejn kien ghad hemm proceduri pendenti fil-konfront taghha, bir-rizultat illi l-imputata giet effettivament prekluza milli tikkonfronta u tikkontrolla l-istess xhud billi taghmlilha l-kontro-ezami, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief illi tiskarta dik l-istqarrija guramentata.

Fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova ohra fil-konfront tal-imputata, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha skond il-ligi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), (b), (d) u (e), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101. 02, qed issib lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u qeghda tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------